MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 37

11 ta' Mejju 2017

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-4:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Daniel Zerafa – Kunsillier
Stephen Caruana - Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI**:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 37.1 | Qari ta' ittri ta' apologiji |
| 37.1 | Ma kienx hemm |
| 37.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' Minuti |
| 37.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 36, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija. |
| 37.2.2 | Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech issekondata mis-Sur Horace Gauci, il-minuti ta' seduta 36, gew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti. |
| 37.2.3 | Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett. |
| 37.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 37.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar is-16 t'April 2017, kienet inzammet sessjoni ta' *blood donation* fis-sala Sant'Andrija. |
| 37.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar is-16 t'April 2017 gewwa s-sala tal-iskola primarja kien inzamm kuncert ta' muzika klassika mill-European School of Brussels. |
| 37.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar is-17 t'April 2017 kienet inzammet laqgha ma' rapprezentanti tal-Ministeru ghall-Ekonomija, Investiment u Negozji rigward ir-rijorganizzazzjoni tas-suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd. |
| 37.3.4 | Is-Sindku semma li nhar it-18 ta' April 2017, flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv kien attenda ghall-varar ta' skema ta' fondi kulturali mnehdija mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali. |
| 37.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar id-19 ta' April 2017, il-Kunsill Lokali kien iltaqa' mas-Sa. Emmanuela Vella bil-ghan illi jigi diskuss l-impjieg taghha mal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. |
| 37.3.6 | Is-Sindku qal illi nhar id-19 ta' April 2017, kien attenda ghal konferenza ghall-istampa li kienet inzammet gewwa z-Zejtun fl-okkazjoni tal-festa ta' San Girgor. |
| 37.3.7 | Is-Sindku qal illi nhar id-19 ta' April 2017 kien gie intervistat minn stazzjon tat-televizjoni Ciniz rigward l-impjant il-gdid ta' generazzjoni ta' elettriku li kien hemm f'Delimara. |
| 37.3.8 | Is-Sindku qal illi nhar il-21 t'April 2017, kien attenda attivita' mtella minn SPIC-SEP (Malta) Holding Ltd. |
| 37.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-23 ta' April 2017, hekk kif ippjanat kien inzamm Jum Marsaxlokk. |
| 37.3.10 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar il-25 ta' April 2017 kien iltaqa' mas-Sur Carmel Muscat minn Transport Malta u kien iddiskuta diversi diffikultajiet li l-Kunsill Lokali kellu rigward immaniggjar ta' traffiku. |

| | |
|---|---|
| 37.3.11 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar is-27 t'April 2017 kien iltaqa' mas-Sur Herman Galea u kienet giet diskussa l-possibilita' illi jithawlu xi sigar fi Triq Ghajn Osiris. |
| 37.3.12 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-28 ta' April 2017, hekk kif ippjanat kienet inzammet serata mill-Malta International Fireworks Festival gewwa Marsaxlokk. |
| 37.3.13 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar l-4 ta' Mejju 2017 kellu laqgha ma rapprezentanti ta' SPIC-SEP (Malta) Holding Ltd. li matulha gew diskussi progetti ambjentali fil-lokalita' bil-kollaborazzjoni tal-Iskola primarja. |
| 37.3.14 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-8 ta' Mejju 2017, kien attend ghal funzjoni religjuza li matulha l-parrocca tal-lokalita' kienet inghatat it-titolu ta' santwarju. |
| 37.4 | Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 37.4.1 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Gie ikkonfermat jekk uwx parti mill-monti ta' nhar ta' Hadd ser jitla' fi Triq it-Torri Vendome?<br>Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv wiegeb illi l-ftehim mal-ufficjali inkarigati mir-rigenerazzjoni tas-Suq fil-berah kien li parti mill-istess suq fil-berah jitla' fi Triq it-Torri Vendome. |
| 37.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Nista' ninghata spjegazzjoni ghalfejn inhargu permessi ta' mwejjed u siggijiet wara d-deadline u ma inhargux permessi lil Whippy?"<br>Wara li d-Deputat Segretarju Ezekuttiv talab lis-Sur Grech jelabora, is-Sur Grech irtira l-mistoqsija. |
| 37.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Nistghu naghmlu sinjali man-naha tal-bahar fil-pjazza biex ma jipparkjawx? U nistghu naghmlu bus stop sew?"<br>Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-materja kienet diga' giet diskussa ma' Transport Malta. |
| 37.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Il-puntun ta' Zara ta' Mabbli huwa no parking. Il-pontijiet l-ohra ghalfejn ma humiex l-istess?"<br>Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kemm il-darba ikun hemm decizjoni fir-rigward, il-Kunsill Lokali seta' japplika ma' Transport Malta. |
| 37.4.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Huwa minnu li impjegati ta' District Operations Ltd. li jaghmlu xoghol klerikali jistghu jinghataw allowance mill-Kunsill Lokali?"<br>Id-deputat Segretarju Ezekuttiv qal illi tali proposta kienet saret mill-istess kumpanija lill-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni libera dwar il-materja, gie stabbilit illi s-Sindku kellu jaghmel kuntatt ma' District Operations Ltd. sabiex jiccekkja dwar il-materja. |
| F'dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier Daniel Zerafa (16:54) | |
| 37.5 | Rapporti |
| 37.5.1 | Is-Sindku pprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport li kien intbaghat minn Green MT rigward il-gbir ta' skart riciklabbli mil-lokalita'. Is-Sur Gauci zied jghid illi fir-rigward, Green MT kienet qieghda tishaq illi ghaliha ma kienx qiegħed ikun sostenibbli illi ssir gabra tal-borza bl-iskart darbtejn fil-gimgha u pproponiet li jew titnaqqas kollezzjoni jew inkella l-Kunsill Lokali jaghmel tajjeb finanzjarjament ghat-tieni kollezzjoni. |

| | |
|---|---|
| | Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi kellha titnaqqas kollezzjoni mill-gbir ta' skart ricikabbli u tibqa' kollezzjoni wahda nhar ta' Tlieta. |
| F'dan l-istadju harget mis-seduta il-Kunsilliera Janice Chetcuti (17:18) | |
| 37.5.2 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar-Marzu 2017.<br>Wara li d-deputat Segretarju Ezekuttiv spjega fid-dettall ir-rapport, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Steven Grech, ssekondat mis-Sur Daniel Zerafa, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif propost. |
| 37.5.3 | Is-Sindku pprezenta rapport dwar korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill Lokali u li kien jirrikjedi decizjoni mill-Kunsill Lokai. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:<br><br>- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu juza s-servizzi ta' RACS cleaning ghat-tindif tal-ufficini amministrativi. Dan wara li kienu ingabru stimi minghand l-istess RACS cleaning, Omajco Cleaners u MCCS Co.Ltd. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjega illi l-materja kienet irrizultat mir-rizenja tas-Sur John Farrugia (Skema CIES)<br>- Wara li l-Kunsill Lokali gie infurmat li l-ammont ta' fondi disponibbli ghal-lokalita' permezz tal-iskema Urban Improvement Fund kien jammonta ghal €88 536.36, kien hemm qbil illi kellu jinbidel il-perit li kien qieghed jiehu hsieb l-applikazzjonijiet ghall-bdil ta' fanali ornamentali fi Pjazza Madonna ta' Pompei u rigenerazzjoni ta' Gnien il-Familja. Fir-rigward is-Sindku kellu jghaddi dettalji ta' perit lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv.<br>- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'Cirkulari 10/2017 mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u li kienet tikkoncerna l-immaniggjar tal-Iskart Elettroniku (WEEE) migbur mill-Kunsilli Lokali.<br>- Minhabba ragunijiet legali, gie deciz illi l-Kunsill Lokali ma kellux jilqa' applikazzjoni tas-Sur Domenic Pace sabiex itella' l-opra tal-bahar tieghu fuq l-art.<br>- Gie deciz illi ma kellha tinsab ebda oggezzjoni ghat-talbiet tal-ghaqda muzikali Madonna ta' Pompei sabiex tinghalaq Triq il-Kajjikk nhar id-29 u t-30 ta' Lulju 2017 u sabiex ikun hemm bar fl-istess triq nhar it-30 ta' Lulju 2017, sakemm iz-zewg attivitajiet ikunu koperti bil-permessi mehtiega.<br>- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal attivitajiet ghal zvilupp bin-numri PA/02597/17, PA/02972/17, RG/01017/17, PA/7104/16, PA/07675/16, PA/04038/16, PA/03061/17, PA/04560/15, PA/04815/15, PA/06350/16, PA/07362/16, PA/03404/17, PA/03238/17, PA/03396/17, PA/03741/17, PA/05676/16, RG/00400/17, PA/03509/17, PA/03653/17, PA/036908/17, PA/00394/16, PA/05596/16, PA/06210/16, PA/07820/16, PA/003061/17.<br>-Gie deciz illi hekk kif sehh fil-passat, il-Kunsill Lokali b'kollaborazzjoni mal-Ghaqda Muzikali Madonna ta' Pompei kellu jiehu sehem fi programm muzikali li kien ser jittella' nhar il-Hamis 27 ta' Lulju 2017. Is-sehem finanzjarju tal-Kunsill Lokali ma' kellux jeccedi l-€250.<br>- Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi permezz ta' e-mail mibghut lill-Onor. Joe Mizzi, kien gie kkonfermat illi l-Kunsill Lokali ma kien isib ebda oggezzjoni li *bus terminus* jigi mcaqlaq ghal triq il-Kavallerizza.<br>- Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi permezz ta' ittra datata 3 ta' Mejju 2017, il-Kunsill Lokali kien gie infurmat bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma' applikazzjoni numru PA/07820/16 (Bello Nettuno 6, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk) |
| F'dan l-istadju hareg mis-seduta il-Kunsillier Daniel Zerafa (17:23) | |

| | |
|---|---|
| | |
| 37.6 | Mozzjonijiet |
| 37.6.1 | <u>Ma kienx hemm</u> |
| 37.7 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 37.7.1 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 5/17 ) ghall-approvazzjoni. |
| F'dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier Daniel Zerafa (17:26) | |
| 37.7.02 | Fuq mozzjoni tas-sur Steven Grech, issekondat mill-Kunsillier Stephen Caruana, il- Kunsill Lokali unanimament approva il-pagament inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti |
| 37.8 | Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss |
| 37.8.01 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6:15 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar il-Tlieta 13 ta' Gunju 2017 fl-4:30p.m. |

Konfermati, illum 13 ta' Gunju 2017

IFFIRMATA

______________
Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

_________________
Duncan Hall
Deputat Segretarju Eżekuttiv